Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 20,461, 13 ta' Awwissu, 2020
Taqsima B

A.L. 329 tal-2020

ATT DWAR IS-SAĦĦA PUBBLIKA
(KAP. 465)

Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 26 u 27(ċ) tal-Att dwar is-Saħħa Pubblika, il-Ministru responsabbli għas-saħħa pubblika, wara konsultazzjoni mas-Suprintendent tas-Saħħa Pubblika, għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu r-Regolamenti tal-2020 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati (Emenda Nru 2) u dawn ir-regolamenti għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti dwar Avvenimenti Pubbliċi tal-Massa Organizzati, hawn iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali". L.S. 465. 47.

(2) Dawn ir-regolamenti għandhom jidħlu fis-seħħ fit-13 ta' Awwissu 2020.

Iżid regolamenti ġodda mar-regolamenti prinċipali.

2. Minnufih wara r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiżdiedu r-regolamenti ġodda li ġejjin:

"Applikazzjoni tal-miżuri applikabbli għall-avvenimenti pubbliċi tal-massa organizzati għall-postijiet ta' divertiment.

4. (1) Kull post ta' divertiment li huwa mniżżel fil-lista li tinsab fis-subregolament (2) għandu josserva r-rekwiżiti u l-miżuri imposti għall-avvenimenti pubbliċi tal-massa organizzati.

(2) Il-postijiet ta' divertiment li għalihom jirreferi s-subregolament (1) huma:

(a) bars;

(b) diskoteki; u

(ċ) nightclubs.

Reati u pieni.

5. Kull persuna li tonqos milli tosserva d-dispożizzjonijiet tar-regolament 4 tkun ħatja ta' reat u teħel, meta tinstab ħatja, penali ta' tlett elef euro (€3,000) għal kull darba mill-okkażjonijiet li jiġu miksura dawn ir-regolamenti.".